# PASSIĠĠATA

L-Imħabba bħall-istilel. X'ħin niskopri żgħożiti tkun laħqet żgiċċatli. Il-ħolma tiegħi vera daqs kemm il-ħajja irreali.

Meta fittixt, sibt Univers quddiemi mhux magħruf u li daħak bija. Inħares lejni, nsib xbieha li ma tilqagħnix. Jien tikka mgħaġġla fl-infinit. Jien irrid u jien nibki.

Meta mxejt miegħek fejn il-baħar, jekk tiftakar, jien u int kellna moħħna mifqugħ bix-xewqat u sirna l-mewġ li jitkaxkar mat-tamiet. Kont għaraft, imma, li qlubna, il-bieraħ jew għada jew meta, jibqgħu jokorbu u jimtlew bil-vojt. Għax il-ħajja hi x-xewqa; u bħall-istilel.

*Anna Maria Abela*